MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 62/1998/1

**Island Hotels Group Limited**

**Vs**

**Industrial House of Knights Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanna li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija wiehed u tletin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm631.60), rapprezentanti depositu imhallas lis-socjeta konvenuta mis-socjeta’ attrici, akkont tal-prezz ta’ ordni ghall-manifattura ta’ oggetti tal-metal li kellha tigi esegwita u konsenjata mis-socjeta konvenuta, liema ordni pero’ giet kancellata mis-socjeta attrici peress illi s-socjeta konvenuta naqsu milli jesegwixxu l-inkarigu fi zmien ragonevoli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta’ Marzu 1997 u tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Novembru 1997 u bl-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi, fl-ewwel lok, id-depozitu mhallas kien ta’ sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630) u mhux sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm631.60)

2. Ili t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi m’huwiex minnu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti fi zmien ragjonevoli.

3. Illi, in effetti, fil-frattemp illi kien qieghed jinhadem ix-xoghol ‘de quo’, is-socjeta ‘ konvenuta hadmet xoghol iehor fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici fl-istess lok illi kellu jigi stallat ix-xoghol ‘de quo’ u cioe’ fil-lukanda Coastline, stante illi s-socjeta attrici ordnat illi dan ix-xoghol iehor kollu jinghata prijorita’.

4. Illi, in oltre, il-partijiet qatt ma kellhom ebda ftehim dwar id-data meta x-xoghol kellu jigi kompletat, u s-socjeta’ attrici qatt ma indikat lis-socjeta’ konvenuta xi data meta x-xoghol kellu jigi kompletat, u skond il-kuntratt il-partijiet qatt ma kellhom ftehim bil-miktub dwar meta x-xoghol kellu jigi kompletat.

5. Illi, di piu, wara li ikkancellat l-ordni, is-socjeta attrici rrifjutat li jsir inkontru sabiex din il-kwistjoni tigi diskussa bejn il-partijiet sabiex jintlahaq ftehim, u dan minkejja li saru diversi tentattivi f’dan ir-rigward da parti tas-socjeta’ konvenuta.

6. Illi meta s-socjeta’ attrici arbitrarjament qabdet u kkancellat l-ordni minnha moghti lis-socjeta konvenuta, is-socjeta’ konvenuta kienet diga’ kkompletat sebghin fil-mija

(70%) tax-xoghol, u x-xoghol seta’ jigi kompletat u stallat fi zmien tmint ijiem, kif fil-fatt gie intimat lis-socjeta’ attrici.

7. Illi s-socjeta’ konvenuta qieghda tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri sabiex tippromwovi l-kontro-talbiet taghha.

Rat il-kontro talbiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9 tal-atti) u li permezz ta’ dawn il-proceduri, wara li ppremettiet:

1. Illi fit-2 ta’ Lulju, 1996 u fis-26 ta’ Lulju, 1996 is-socjeta’ attrici rikonvenzjonata tat kuntratt ta’ xoghol lis-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti sabiex tezegwixxi xoghol varju fil-lukanda Coastline, fis-Salina (Vide Doks. A u B).

2. Illi l-komparenti ftiehmu u qablu fuq il-prezz, elf, mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,262.70),sar hlas ta’ depozitu ta’ sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630), u ma sar ebda ftehim dwar meta x-xoghol kellu jigi kompletat.

3. Illi in oltre fl-istess zmien is-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti ezegwiet diversi xoghlijiet ohra fil-lukanda Coastline fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici rikonvenzonata, liema xoghol inghata precedenza fuq ix-xoghol ‘de quo’ fuq istruzzjonijiet tal-istess socjeta’ attrici rikonvenzjonata.

4. Illi arbitrarjament is-socjeta’ attrici rikonvenzjonata qabdet u kkancellat l-ordni moghti lis-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti fuq il-pretest ghal kollox inveritier u infondat illi x-xogol ma giex esegwit ‘fi zmien ragjonevoli’.

5. Ili di piu’, wara li kkancellat l-ordni, is-socjeta’ attrici rrifjutat li jsir inkontru sabiex din il-kwistjoni tigi diskussa bejn il-partijiet sabiex jintlahaq ftehim, u dan minkejja li saru diversi tentattivi f’dan ir-rigward da parti tas-socjeta’ konvenuta.

6. Illi fil-mument illi l-ordni ‘de quo’ gie kancellat, is-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti kienet diga’ lestiet sebghin fil-mija (70%) tax-xoghol, informat b’dan lis-

socjeta' attrici rikonenzjonata u anke informatha li x-xoghol kollu seta' jitlesta fi zmien tmint ijiem

7. Illi ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, fil-mument illi gie kancellat l-ordni minghajr ebda raguni valida fil-ligi, diga' kienet ghamlet xoghol b'valur ta' tmien mija u tlieta u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm883.89) kif juri l-prospett anness u mmarkat Dok C.

Is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, talbet lil din il-Onorabbli Qorti, sabiex filwaqt li tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata, tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm253.89) rapprezentanti l-bilanc bejn il-valur tax-xoghol kompletat, u cioe' tmien mija u tlieta u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm883.89), u d-depozitu mhallas, u cioe' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630), bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess nota.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta attrici rikonvenzjonata (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi l-pretensjonijiet u l-konsegwenti talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ingunta ghas-subizzjoni.

2. Illi fil-kuntest tat-tieni u r-raba' paragrafi ta' l-istess kontro-talbiet l-eccipjenti tinsisti illi d-depozitu imhallas kien fil-fatt jammonta ghal Lm631.60 u x-xoghol in kwistjoni seta' tlesta fi ftit jiem li kieku s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti m'ghazlietx arbitrarjament u kontra r-rieda tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata li tissosspendi jew

altrimenti twaqqaf is-servizzi taghha b'tali mod li ma wettqietx dawn iz-zewg inkarigi in kwistjoni.

3. Illi fil-kuntest tat-tielet paragrafu l-eccipjenti tikkontesta l-allegazzjoni li hija b'xi mod tat struzzjonijiet illi xi xoghol iehor jinghata precedenza fuq ix-xoghol 'de quo' u fi kwalunkwe kaz s-socjeta' eccipjenti kellha kull dritt tirtira z-zewg ordnijiet in kwistjoni meta nonostante diversi talbiet sabiex dawn ix-xogholijiet isiru s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti baqghet inadempjenti.

4. Illi fil-kuntest tal-hames paragrafu ta' l-istess kontro-talbiet, ser jigi pruvat illi fil-fatt ma kienx hemm xejn x'wiehed jiddiskuti ghax minn dokumentazzjoni li l-eccipjenti ghandha fil-pusses taghha jirrizulta bl-aktar mod car illi fil-fatt is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ddikjarat illi hija kienet ser thallas lura l-istess depozitu mitlub mill-eccipjenti fl-avviz ta' din il-kawza.

5. Illi fil-kuntest tas-sitt u s-seba' paragrafi l-eccipjenti tichad bhala infondata l-pretensjoni illi s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti lestiet sebghin fil-mija (70%) tax-xoghol in kwistjoni.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-atti, l-unici provi prodotti mill-partijiet involuti kienu filfatt ix-xhieda ta' <u>Carmelo Aquilina</u>, minn jeddu, bhala direttur tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti (fol 21 et seq ibid) li esebixxa ukoll <u>zewg dokumenti (Dok A u Dok B a fol 24A u fol 24B)</u>. Dan beda biex jispjega illi l-kaz in desamina jirreferi ghal 'kuntratt wiehed izda zewg ordnijiet' skond kif imnizzel fl-imsemmija zewg dokumenti. Minn dawn jidher illi s-socjeta konvenuta kienet giet inkarigata fit-2 ta' Lulju 1996 u fis-26 ta' Lulju 1996, sabiex tesegwixxi x-xoghol hemm deskritt <u>minghajr ma gie impost xi terminu ta' zmien</u> (ara 'Finished date' u 'Delivery Date' skond l-istess dokumenti, is-socjeta konvenuta kienet thallset 'deposit' ammontanti ghal Lm387 u Lm243. Waqt li x-xoghol in rigward l-istess

ordnijiet kien ghaddej u ghadu qed jsir, jidher li s-socjeta konvenuta irceviet telefonata u giet infurmata li l-istess zewg ordnijiet kienu qed jigu kancellati, minghajr ebda pre-avviz, da parti tas-socjeta attrici u dan minhabba '…. Li ahna domna sabiex inlestu ix-xoghol '(ara ukoll l-ittra esebita a fol 25 tal-atti). L-istess xhud spjega ulterjorment li d-ditta rappresentata minnu kienet ilha tesegwixxi xoghol ghas-socjeta' attrici ghal madwar hmistax il-sena'. Inoltre, kif dejjem kienet il-prattika fir-relazzjonijiet bejn is-socjetajiet involuti, <u>wara</u> dawn l-ordnijiet, kienu saru zewg ordnijiet ohrajn '…. li inghataw prijorita minhabba li kienu aktar urgenti' skond struzzjonijiet moghtija mill-inginjiera tal-istess socjeta attrici u in rigward dawn, ix-xoghol kien gie kompletat u kien sar il-hlas relattiv. <u>In kontro esami</u>, ix-xhud semma li sittin fil-mija (60%) tal-prezz totali, kif miftiehem, kien jkopri dak ta' materjal uzat.

Inoltre x-xoghol in kwistjoni li ma giex kompletat minhabba l-kancellament tal-ordinijiet kif hawn fuq spjegat, kien jinsab fil-fabbrika, ormai maghluqa, tas-socjeta konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sintetizzati l-provi prodotti, mill-lat legali u vis-à-vis it-talba tas-socjeta attrici, ghandha ssir referenza ghall-<u>artikolu 1077</u> tal-Kodici Civili fejn jinghad 'Where no time has been fixed for the performance of an obligation (bhal fil-kaz in esami) it shall be carried out into effect forthwith, unless the nature of the obligation or the manner in which it is to be carried into effect or the place agreed upon for its execution, implies the necessity of a time to be, if necessary, fixed by the Court'. (ara ukoll l-artikolu 1078(b) tal-istess Kodici). Waqt li ghandu jinghad li n-natura tal-istess ordnijiet kienet timplika it-twahhil fil-post ta' dak ordnat mis-socjeta attrici, liema twahhil gie rez impossibbli minhabba l-kancellatment pjuttost arbitrarju da parti tas-socjeta' attrici, jidher evidenti li l-istess socjeta' attrici <u>ma intavolatx l-azzjoni rikjesta mill-ligi sabiex jigi ffissat terminu ta' zmien sabiex l-istess ordnijiet jigu kompletati</u>., Fl-isfond ta' dan, l-istess Qorti ma tarax li ghandha takkolji t-talba attrici kif proposta. Ta' min isemmi ukoll li s-socjeta attrici setghet tisufruixxi izda li ma

ghamlitx minn dak stipulat fl-artikolu 1640 tal-istess Kodici fejn jinghad li l-appaltatur jista jxolji l-kuntratt 'locato opens' meta u kif jrid ('at will') anke jekk ix-xoghol di gja nbeda. Pero f'dan il-kaz, ghandu jikkompensa lill-kuntrattur ghall-ispejjes u xoghol u billi jhallas ulterjorment somma ulterjuri li ghandha tigi ffissata mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda li ma teccedix il-profitti ossija qliegh li seta' jaghmel l-istess kontrattur.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta' dak premess u vis-à-vis il-kontro talba maghmula mill-istess socjeta konvenuta ghandu jinghad minnufih li ma hemm ebda "Dok C' anness ma dawn l-atti, liema dokument suppost kien juri li s-socjeta konvenuta kienet lestiet sebghin fil-mija (70%) tal-ordnijiet inkwistjoni u b'hekk il-prezz mitlub ghal dak li allegatament tlesta mis-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma gie sostanzjat a sodisfazzjoni tal-Qorti. Inoltre l-Qorti tirritjeni li l-istess socjeta konvenuta giet kompensata sufficjentement minn dak li gie deciz in rigward it-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet kollha maghmula mill-partijiet involuti kemm fl-avviz in esami kemm fl-imsemmija kontro talba. In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------